**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**

**vs.**

**Anna Maria Jimenez**

Numru 566/2008

Illum 12 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Anna Maria Jimenez**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, bint Pedro Juan Jimenez u Rita Mizzi, imwielda l-Pietà nhar l-24 ta' Lulju 1982, u residenti Angel House, Triq il-Kitarristi, Birzebbuga, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 420482(M)

akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Gunju 2008, u fix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. b'eghmil zieni, ikkorrompiet lil OMISSIS persuna taht l-età;

2. fl-istess zminijiet u cirkostanzi eccitat, ghenet jew iffacilitat il-korruzzjoni tal-istess imsemmija minorenni ta' taht l-età, cioé OMISSIS;

3. fl-istess zminijiet u cirkostanzi ppartecipat f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-età, cioé OMISSIS;

4. fl-istess zminijiet u cirkotanzi xjentement ghexet ghal kollox jew in parti mill-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna taht l-età OMISSIS;

5. fl-istess zminijiet u cirkostanzi zammet jew ezercitat jew kellha sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma frekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

6. fl-istess zminijiet u cirkostanzi f'Malta, tat ordni lil haddiehor biex jaghmel id-delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi jew eghmil qarrieqi, inkella b'abbuz t'awtorita' jew setgha, inkella li tat struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun xjentement ghenet jew assistiet lill-awtur jew li huma frekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

7. fl-istess zminijiet u cirkostanzi heddedt jew insulentat bi kliem lil OMISSIS.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija OMISSIS u l-familja taghha, minn issa tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li, f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz, inkluz id-depozizzjoni moghtija minn OMISSIS permezz tal-*video conferencing* (*a fol.* 73) u d-depozizzjoni taghha fis-seduta tat-8 ta' April 2014 (*a fol.* 546 *et seq.*).

Rat il-Process Verbal bin-Numru 440/08 (Dok. "MM" – *a fol.* 104 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Antonio Micallef Trigona.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 434) datata 30 ta' Novembru 2009 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 18, 203(1)(a)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 18, 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 18, 204(1)(b)(c)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 18, 204A(1)(a)(b) u 204A(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 18, 204B(1) u 204B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-Artikoli 18, 204C(1) u 204C(2)(a)(b)(c)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-Artikolu 208B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) fl-Artikoli 18 u 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) fl-Artikoli 252(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(k) fl-Artikoli 18, 7(1)(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
(l) fl-Artikoli 18, 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
(m) fl-Artikoli 18, 8(1)(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
(n) fl-Artikoli 382(A), 383, 384, 385 u 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(o) fl-Artikoli 17, 23, 23(A)(2), 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-2 ta' Dicembru 2009 (*a fol.* 440), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-30 ta' Novembru 2009 (*a fol.* 434), f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputata ma xehditx f'dawn il-proceduri.

**<u>Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 571 *et seq.*).</u>**

Rat illi, fis-seduta tal-23 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 575), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, fil-21 ta' Jannar 2016, il-Prosekuzzjoni pprezentat in-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 578 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 591), id-difiza talbet aktar zmien sabiex tkun tista' thejji n-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, liema talba giet milqugha.

Rat illi, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016, id-difiza pprezentat in-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha li giet immarkata bhala Dok. "Y" (*a fol.* 596 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2008, xehdet **Daniela Sciberras** (*Social Worker* mal-Agenzija Appogg – *a fol.* 13 *et seq.*) fir-rigward ta' rapport li gie ricevut fis-16 ta' Gunju 2008, fejn fis-27 ta' Gunju 2008

marret flimkien ma' WPS 24 Josephine Gauci fil-post indikat fejn OMISSIS instabet wahidha, giet mehuda d-Depot u OMISSIS irrilaxxat stqarrija. Tixhed fuq dak li kienet qaltilhom OMISSIS fejn, fost l-ohrajn, OMISSIS qaltilhom li l-imputata kienet tohdilha l-irgiel biex ikollha x'taqsam maghhom sesswalment bi hlas u li l-imputata kienet issawwatha kemm b'idejha kif ukoll bic-cintorin u kif ukoll bl-ispalliera. Tghid li rrizulta li OMISSIS kellha infezzjoni (*herpes*) u li OMISSIS dehret bezghana u kienet qaltilhom li kienet bezghana hafna u li kienet mhedda mill-imputata u minn omm l-imputata.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li hija taf il-passat tal-ahwa z-zghar ta' OMISSIS u li OMISSIS ghandha sittax (16) il-sena. Tghid li setghet tara dbengil fuq id OMISSIS u li meta OMISSIS giet mistoqsija ghala qatt ma kienet qalet lil ommha fuq l-affarijiet li kienet taghmlilha l-imputata, OMISSIS qalet li kienet imbezza'.

**Daniela Sciberras** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2008 (*a fol.* 90) fejn ezebiet in-notamenti taghha waqt li kienet qed tigi ntervistata OMISSIS, liema notamenti gew immarkati bhala Dok. "DS" (*a fol.* 92 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2008, xehdet ukoll **WPS 24 Josephine Gauci** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn qalet li OMISSIS kienet qaltilhom li kienet qed thossha qisha skjava u li l-imputata kienet tiehu l-flus hi ttant li OMISSIS anqas kellha x'tilbes. Tghid li OMISSIS spjegat li kienet tiltaqa' ma' diversi rgiel li maghhom kien ikollha x'taqsam.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2008, xehdet ukoll **OMISSIS** (*a fol.* 26 *et seq.*) permezz tal-*video conferencing*, li din il-Qorti rat, fejn qalet li fil-25 ta' Marzu 2008 ghalqet sittax (16)-il sena. Tghid li skola ghamlet biss sal-Form 4 u li sa dan iz-zmien kienet toqghod ma' ommha f'Bormla. Tispjega li fis-sajf kienu jmorru villegjatura f'*caravan* f'Bahar ic-Caghaq flimkien ma' ommha, il-*partner* taghha u hutha. Tiddeskrivi kif l-imputata bdiet tmur ghandhom fil-*caravan* u tghid li l-imputata tigi l-kugina tal-mara ta' Amadeo Pace, li jigi l-kugin taghha (ta' OMISSIS). Tghid li ma kienux jafu li l-imputata kienet *bisexual*. Tghid ukoll li ommha (omm OMISSIS) u l-imputata

kellhom relazzjoni ta' sena f'liema zmien hi (OMISSIS) kellha madwar erbatax (14)-il sena. Tixhed li ghalqet il-hmistax (15)-il sena ghand l-imputata peress li marret toqghod maghha. Tispjega li l-imputata u hi kienu jaqblu ma' xulxin ghal bidu u wara xi zmien l-imputata qaltilha li kien ser imur klijent u kienet tghidilha: *"nixtieq naqalghu lira tajba"* (*a fol.* 31). Tghid li l-imputata kienet taghmel bhala wkoll. Tghid li mentri fil-vettura kienet ticcargja Lm10.00 u wara €25.00, fid-dar kienet ticcargja Lm20.00 u wara €50.00. Tghid li kienu jmorru hafna klijenti. Tispjega kif l-imputata darba minnhom qasmitilha xuftejha peress li tatha daqqiet bil-ponn u li anke fargietha. Tghid li l-flus li kienet taqla' kienet taghtihom lill-imputata u li hi (OMISSIS) ma kienx ikollha flus f'idejha tant li anke l-flus li kienet taghtiha ommha (Lm30.00 kull xahar) kienet tehodhomlha l-imputata. Tghid li damet madwar sena u nofs tghix ghand l-imputata u li l-ewwel persuna li mieghu ghamlet is-sess kienet klijent li qabditilha l-imputata. Tghid li dawk li ma kienux jifilhu jhallsu biex imorru d-dar, hi kienet tmur hdejn it-Torri ta' San Lucjan, Marsaxlokk. Tghid: *"gie li kien ikun hemm klijenti taghha. Meta kien ikun hemm klijent ghaliha, gie li kont nohrog 'il barra jiena. U gie li kien ikun hemm il-klijenti ghalija, kienet tohrog 'il barra hi. Jigifieri. Dak kien per ezempju. U gie li konna nkunu ma' xulxin ahna"* (*a fol.* 34). Tghid li gie li hadmu flimkien u ghamlu sess flimkien (*a fol.* 35) u kienu jithallsu €50.00. Tghid li kienet taghmel dan kollu kontra r-rieda taghha. Tghid li ghal bidu kienet tara kollox sabih u li dejjem kien ikollha l-flus fil-but u li meta l-imputata kienet thaddimha, OMISSIS ma kienitx tarah sew. Tghid li ma kienitx kuntenta anqas meta kienet tiehu l-flus. Tghid li hi kienet tuza l-*condoms* li kienet iggib l-imputata. Ghad-domanda jekk kienx hemm zmien li hi ma rieditx taghmel dan ix-xoghol aktar u qalet lill-imputata, OMISSIS qalet: *"Le ma stajtx hux jiena. Ghaliex jekk nghidilha jew hekk, jiena, ezempju, kienet tghidli, "Ghaliex?" jew hekk. U kienet taghtini bhal dak in-nhar. Gie wiehed u qabdet taghtini. Dejjem hekk. Jigifieri…ghax ghamel habta jigi klijent u hekk, u kienet tghidli, "Ghaliex mhux ser tmur? Ara biex ser tiekol!". U hekk. Hekk kienet tghidli. "X'ser tilbes!" u hekk. U kienet taqbad taghtini. Tofrogni bid-daqqiet u hekk, gieli bl-ispalliera, gieli bic-cintorin u hekk. Gieli bil-ponn. U kont inhoss. Kont dejjem nibki jiena. Jigifieri xuftejja kienet maqsuma bid-demm jigifieri"* (*a fol.* 36). Mistoqsija tghid ghala ma qalitx lill-ommha, wiegbet li r-

raguni kienet ghax dak iz-zmien ma kienitx tkellem lil ommha u li ma kienitx tmur ghandha. Tghid li l-imputata kienet tatha *mobile* sabiex tinfurmaha jekk kienx gej xi hadd u sabiex icemplu l-irgiel fuqu. Tghid li kienet tibza' iccempel lil ommha minn fuq dan il-*mobile* peress li ommha ma kienet taf b'xejn fuq il-fatt li l-imputata kienet issawwatha u kienet tahdem hekk. Tghid li kienet tibza' tghid lil ommha b'dan kollu. Tghid li kemm l-imputata u Rita Mizzi (omm l-imputata) kienu jhedduha. Tixhed li omm l-imputata kienet tghidilha: *""Jekk twaddab lit-tifla l-habs [...], hi l-habs u inti ghal qabar""* (*a fol.* 37). Ghad-domanda jekk kienitx tohrog il-barra mid-dar, tghid li jekk kienet tohrog, l-imputata kienet tmur tfittxiha. Tghid li kellha klijent Serbjan li ma setghax ihallas €50.00 u beda jaghtiha €35.00 u mieghu kienet tiltaqa' it-Tlieta u s-Sibt, dejjem fis-sebgha. Tghid li meta kienet tmur lura d-dar tard, l-imputata kienet taghmlilha storja. Ghad-domanda ta' x'tip ta' klijenti kellha, wiegbet: *"Kelli Serbjani jiena, jigu hemmhekk, Maltin, gieli gew ix-xjuh, kellhom sixty (60) zgur, fifty-six (56) hekk. Sixty (60)"* (*a fol.* 39). Tghid li l-imputata kienet tqajjimha fis-7.00am-7.30am u kienet tghidilha biex tahslilha d-dar sabiex meta tasal lura d-dar issib nadif u hekk kif tasal lura d-dar kienet tistaqsieha jekk kienx cempel xi hadd. Tghid li hi (OMISSIS) ma kienitx tmur bahar u anqas kienet tohrog u li kienet tara madwar erba' jew hames klijenti kuljum u gie li ghamlet erba' mitt Euro (€400.00) f'jumejn. Tghid li l-flus kienet tehodhomlha kollha l-imputata u li kien hemm zmien fejn hi (OMISSIS) gie li hbiet xi flus u halliethom ghaliha nnifisha. Mistoqsija tghid fejn kienet izzomm il-hwejjeg taghha, tghid li peress li ma kellhiex gwardarobba, kienet iz-zomm il-hwejjeg gozz taht is-*sofa bed*. Tghid li l-imputata kellha Fiat Punto u wara xtrat Peugeot 207. Tghid li l-flus li kienet taghti lill-imputata, l-imputata kienet tonfoqhom u gie li thallas il-vettura, l-mutur u hwejjeg tad-ditti.

In <u>kontro-ezami</u> tikkonferma li hi telqet tghix mal-imputata meta ommha bdiet tghix ma' certu Lawrence [Wenzu]. Tghid li fl-ewwel parti taz-zmien kienet tmur lura d-dar ma' ommha u Wenzu. Tixhed li anke ohtha kienet tmur ghand l-imputata. Tghid li ghal bidu kienet izzomm il-flus li kienet taqla' ghaliha imma wara le. Tghid li ma kienitx thossha komda li kienu jmorru l-klijenti ghal

gisimha. Mistoqsija tghid ghala ma marritx tahdem xoghol iehor bhal *waitress*, tghid li dak iz-zmien kienet ghadha zghira u ma kienux ihaddmuha peress li kienet taht l-età. Tghid li meta ghalqet sittax (16)-il sena u kienet tghid lill-imputata li riedet tmur tahdem, l-imputata kienet tghidilha: *""Le lanqas haqq. Hames minuti u tehilsu bniedem. Xoghol ghandek tbatija, u kieku tmur tahdem u hekk""* (*a fol.* 41). Tichad li qabel marret tghix ghand l-imputata kellha relazzjoni sesswali ma' irgiel ohra. Tghid li l-ewwel darba li kellha relazzjoni sesswali, hasset ugiegh u wara kellha wkoll infezzjoni. Tichad li l-ewwel esperjenza sesswali li kellha kien ma' persuna tat-*taxi*. Tikkonferma pero' li kienet tohrog ma' persuna tat-*taxi* li pprova jaghmel maghha pero' hi ma riditx. Tghid li kienet tibza' tghid lil ommha b'dak li kienet qed tghaddi minnu mal-imputata peress li ma kienitx taf kif ser tehodha ommha. Tghid li kull xahar, Wenzu kien imur jehdilha l-flus u ommha kienet tibqa' fil-vann. Tichad li ggieldet mal-imputata ghax l-imputata kienet tohdilha aktar nies. Tghid li fuq klijenti qatt ma ggieldu. Tghid li l-klijenti kienu jmorru jew ghall-imputata jew ghaliha. Ghad-domanda ghala qatt ma ghamlet rapport, tghid ghaliex kienet tibza' li l-imputata kienet taqbad taghtiha. Tichad li kienet hi li ghamlet ir-rapport li bihom bdew l-investigazzjonijiet li wasslu ghall-kaz odjern. Tikkonferma li kellha klijenti taghha.

**OMISSIS** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-8 ta' April 2014 (*a fol.* 546 *et seq.*)[1] fejn bdiet billi qalet li llum il-gurnata ghandha tnejn u ghoxrin (22) sena. Tghid: *"dan il-kaz ma nixtieqx nerga' nkomplih"* (*a fol.* 547). Tghid: *"jien nixtieq inwaqqaf, nixtieq nahfer, li kien kien u li sar sar u ma nixtieqx niftah kotba iktar"* (*a fol.* 547). Tghid: *"Tkellimt ma' ommi u mal-genituri tieghi: li kien kien u li sar sar, ma nixtieqx inkompli dan il-kaz, nixtieq nahfer jiena, fhimt?"* (*a fol.* 547). Tghid: *"Li ghamlitli veru, fhimt? Imma Alla hares fid-dinja ha tibqa' tkompli b'din il-haga fhimt?"* (*a fol.* 548). Ghad-domanda tal-

[1] OMISSIS regghet tat id-depozizzjoni fuq talba tad-difiza kif verbalizzata fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2012 (*a fol.* 494 *et seq.*) u ghar-ragunijiet indikati fl-imsemmi verbal, liema talba giet milqugha fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2012 minn din il-Qorti kif diversament preseduta (*a fol.* 499). Minkejja Rikors tal-Avukat Generali pprezentat fl-10 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 500 *et seq.*), fejn l-Avukat Generali talab lill-Qorti diversament preseduta sabiex tirrikonsidra d-decizjoni taghha li terga' tinstema' OMISSIS, il-Qorti diversament preseduta cahdet it-talba tal-Avukat Generali b'digriet datat 8 ta' April 2014 (*a fol.* 543 *et seq.*).

Qorti jekk kellhiex terga' taqra x-xiehda lil OMISSIS li kienet tat, id-difiza wiegbet li ma kienx hemm bzonn. Tichad li zmien qabel ommha imbuttat biex hi (OMISSIS) tersaq 'il quddiem u tistqarr xi affarijiet. Tikkonferma li fl-ahhar snin ghamlet diversi tentattivi biex tipprova ssir habiba mal-imputata u li dan ghamlitu *tramite* l-*Facebook* u *social sites* simili. Mistoqsija tikkonferma jekk l-imputata irrifjutat li taccetta l-istediniet taghha, wiegbet li lill-imputata kienet ilha zmien ma tkellimha. Tghid li hija marret libera biex tahfer u li hadd ma obbligaha u li tixtieq tkun habiba tal-imputata.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2008, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Raymond Aquilina** (*a fol.* 46 *et seq.*) fejn beda billi ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "RA", "RA 1" sa "RA 3" (*a fol.* 48 *et seq.*). Huwa spjega x'inghad lilu mill-imputata in segwitu tal-allegazzjonijiet li saru minn OMISSIS.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Raymond Aquilina** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2008 (*a fol.* 126) fejn ezebixxa l-kwerela li giet immarkata bhala Dok. "RAY" (*a fol.* 127).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Raymond Aquilina** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-25 ta' Frar 2009 (*a fol.* 289) fejn ezebixxa rcevuta mmarkata bhala Dok. "VA 1" (*a fol.* 291) liema rcevuta saret riferenza ghaliha fid-depozizzjoni moghtija minn WPS 246 u ezebixxa wkoll dokument elevat mill-imputata, liema dokument huwa mahrug mill-ETC fil-konfront tal-imputata u li gie mmarkat bhala Dok. "VA 2" (*a fol.* 292).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Raymond Aquilina** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2011 (*a fol.* 456 *et seq.*) fejn spjega li gie mitlub jaghmel ricerka rigward rapporti li saru minn OMISSIS jew fil-konfront ta' OMISSIS. Jghid li minn ricerka li saret instabu hames (5) rapporti, liema rapporti gew ipprezentati u mmarkati bhala Dok. "RA 1" (*a fol.* 458 *et seq.*). Jispjega li dawn ir-rapporti kienu saru mill-eks Spettur Alexander Grech meta kien stazzjonat gewwa Bormla fejn tirrigwarda sitwazzjoni fejn kien hemm korruzzjoni ta' minuri. Jghid li OMISSIS kienet wahda mill-vittmi. Jghid ukoll li kien hemm

rapport fejn OMISSIS kienet giet rappurtata nieqsa fi tliet okkazzjonijiet u rapport iehor generali. Ezebixxa wkoll ittra li giet immarkata bhala Dok. "RA 2" (*a fol.* 481).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2008, xehdet l-i**Spizjara Marisa Cassar** (*a fol.* 86), li kienet nominata fl-Inkjesta Magisterjali, fejn ipprezentat r-rapport redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "C" (*a fol.* 88 *et seq.*) f'liema rapport waslet ghas-segwenti konkluzjoni:

> "Mill-analizi li saru jirrizulta li l-profili genetici li hargu mill-kampjuni ta' OMISSIS kollha jaqblu ma' dak ta' OMISSIS u ma kien hemm l-ebda profil genetiku iehor mhallat ma' taghha fil-kampjuni intimi li gew analizzati".

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2008, xehdet ukoll id-Deputat Registratur **Marica Mifsud** (*a fol.* 99) fejn ezebiet process verbal bin-numru 440/08 redatt mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona, li gie mmarkat bhala Dok. "MM" (*a fol.* 104 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2008, xehed ukoll **PS 405 Paul Camilleri** (*a fol.* 113) fejn ezebixxa hmistax (15)-il ritratt li gew immarkati bhala Dok. "PC 1" sa "PC 15" (*a fol.* 115) liema ritratti gew mittiehda meta hu gie mitlub jmur fir-residenza "Joseph Flats", Number 61, Flat 1, Triq St. Patrick's, Birzebbuga.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2008, xehdet ukoll **OMISSIS OMISSIS** (*a fol.* 116 *et seq.*), omm OMISSIS, fejn qalet li darba minnhom, meta ma kienitx ghadha taf lill-imputata, l-imputata kienet cemplitilha u qaltilha li bintha OMISSIS (bint OMISSIS) ma kienx f'postha li tghix ma' huha (ma' hu OMISSIS) u l-mara tieghu. Tghid li eventwalment hi u l-imputata kellhom relazzjoni ta' madwar sena u kien ikollhom l-att sesswali bejniethom. Tghid li l-imputata gie li kienet tghidilha biex tmur tahslilha d-dar peress li kienet tiddejjaq tahsel id-dar u hi (OMISSIS) kienet tmur. Tghid li matul iz-zmien li kienet f'relazzjoni mal-imputata, hi (OMISSIS) u certu Lawrence [Wenzu] kienu miggieldin u li llum il-gurnata hi u Wenzu regghu nghaqdu flimkien. Tispjega li darba minnhom l-imputata kienet qaltilha li kellha bzonn xi ghajnuna u semmietilha

l-vettura Fiat Punto u l-mutur *four-wheeler*. Tghid li l-imputata kienet haditha l-Gzira ghal prostituzzjoni u li kienet qaltilha biex ma titlobx aktar minn Lm10.00. Tixhed li l-imputata kienet tmur b'ragel fil-vettura u kienet titlaq u ma tafx fejn kienet tmur. Tghid li hija marret tlett darbiet ghax darba minnhom ratha s-Surgenta Josephine u qaltilha biex titlaq minn hemm. Tispjega kif kienet tghin finanzjarjament lill-imputata. Tixhed ukoll kif l-imputata offriet li zzomm ghandha f'Birzebbuga ghal certu zmien lil OMISSIS peress li kienet qed tahrab mill-iskola u OMISSIS ma oggezzjonatx. Tghid li hi lil bintha qatt ma keccietha u li setghet tmur lura d-dar meta riedet. Tghid li OMISSIS kienet ghand l-imputata meta ghalqet hmistax (15)-il sena. Tghid li lil bintha kienet icemplilha kuljum u li bintha kienet tghidilha li kienet tkun ahjar milli kienet Bormla. Tixhed li kienet taghti lill-imputata Lm30.00 fix-xahar u c-*children's allowance* ta' Lm70.00 peress li kienet tiehu hsieb lil OMISSIS. Tghid li kienet tmur taghti l-flus lil OMISSIS u OMISSIS bil-kemm kienet tkellimha. Tghid li meta kienet tistaqsi lil OMISSIS jekk kienitx tinsab tajba, OMISSIS kienet tghidilha li kollox kien sew. Tghid li darba minnhom giet imsejjha biex tmur id-Depot fejn giet infurmata li bintha kienet qed tigi abbuzata u msawwta. Tikkonferma li lill-Pulizija kienet qaltilhom sabiex ikomplu bl-investigazzjonijiet u ssib lil persuna responsabbli u titressaq il-Qorti. Tghid li llum il-gurnata bintha tinsab maghha (ma' OMISSIS) u qed tipprova ssib xoghol. Tghid li bintha qed tiehu medicina peress li nstab li ghandha infezzjoni kbira. Tghid li hija lesta li tibqa' tipprocedi kontra l-imputata.

Fid-depozizzjoni taghha (*a fol.* 128 *et seq.*), OMISSIS OMISSIS kkonfermat il-kwerela mmarkata bhala Dok. "RAY" (*a fol.* 127). Tghid li qabel ma giet infurmata bl-affarijiet li qalulha l-Pulizija, hi ma kienet taf b'xejn. Tghid li lil bintha setghet tarha meta riedet. Tghid li kieku ghaliha (OMISSIS) kienet iccempel lit-tifla kuljum. Tixhed li kienet ghalza taghha li ghalkemm ma kienitx tara lil OMISSIS ma kienitx tmur Birzebbuga biex tara xi gralha u dana ghajr ghal darba fix-xahar. Tghid li l-*partner* taghha kien jibza' li jekk hi (OMISSIS) tmur Birzebbuga, hi kienet ser terga' tizbalja mal-imputata.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2008, xehdet ukoll **WPS 246 Diane Cassar** (*a fol.* 134 *et seq.*) fejn spjegat li minn tfitxxija li saret fir-residenza tal-imputata fis-27 ta' Gunju 2008 gew elevati €1560.00 mill-gwardarobba tal-kamra tal-imputata u €200.00 mis-sufan fejn kienet torqod OMISSIS. Dawn gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "DC 1". L-oggetti l-ohra li gew elevati jinsabu elenkati f'ircevuta mmarkata bhala Dok. "DC 2" (*a fol.* 136).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2008, xehed **Dr. Anthony Cutajar** (*a fol.* 175 *et seq.*) fejn spjega li gie mahtur sabiex jaghmel inventarju tal-assi tal-imputata. Huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "AC" (*arch-lever file*). Jghid li fir-rigward ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni ANJ 724 din mhijiex registrata fuq isem l-imputata pero' fuq isem ohtha Daniela Mizzi. Jghid li minn stqarrija li ntbaghtet lilu, din il-vettura kienet qed tithallas mill-bank u l-*loan* kienet qed thallasha l-imputata.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2008, xehed ukoll **Milan Ruzicic** (*a fol.* 181 *et seq.*) fejn spjega li huwa ilu jaf lill-imputata mill-klabb tal-bocci f'Birzebbuga minn Jannar jew Frar 2008. Jghid li mal-imputata kien hemm OMISSIS li kien kwazi kellha sittax (16)-il sena. Jghid li OMISSIS kienet toghgbu, zifnu flimkien, offrielha *drink*. Jghid li xi gurnata wara OMISSIS cemplitlu peress li kienet hadet in-numru tieghu u kienet qaltlu li setghu jkollhom relazzjoni sesswali flimkien pero' hu kellu jhallas. Jghid li l-ewwel darba li OMISSIS marret il-*flat* tieghu kienet mal-imputata fejn hu kien ta Lm20.00 lill-imputata peress li jghid li l-imputata kienet il-*boss* ta' OMISSIS peress li OMISSIS qaltlu hekk. Jghid li l-imputata qaltlu li setà jkollu relazzjoni sesswali ma' OMISSIS u li kienet ser tiswih Lm20.00. Jghid li OMISSIS kkonfermat dan u li l-imputata telqet. Jghid li OMISSIS qaltlu, meta kienu fil-*flat* hu u hi biss, li ma kienx hemm problema li jkollha x'taqsam mieghu sesswalment allavolja huwa beda jhossu skomdu li hu kien akbar minnha. Jghid li din ma kienitx ta' darba li kienu jiltaqghu u jkollhom x'jaqsmu flimkien sesswalment inkluz penetrazzjoni pero' ltaqghu ghal madwar tlett xhur. Jixhed li OMISSIS kienet tiekol u tixrob ghandu u li l-ewwel darba hallas lill-imputata u d-drabi l-ohra lil OMISSIS. Jghid li gie li kien jiltaqa' ma' OMISSIS u l-imputata u kienu jistaqsuh jekk

riedx jiltaqa' ma' OMISSIS pero' kien jghidilhom li ma kellux flus u li kienu jghidulu li jista' jkollu rata orhos basta juza' s-servizzi darbtejn. B'hekk kien ihallas €60.00 ghal darbtejn. Jghid li l-imputata kienet tghidlu hekk. Jghid li kien jiltaqa' ma' OMISSIS darbtejn fil-gimgha ghal tlett xhur u li waqaf jiltaqa' ma' OMISSIS peress li ried jibghat flus id-dar, u *"because it became uncomfortable and unpleasant and she was also sick"* (*a fol.* 194). Jghid li ma kellu l-ebda relazzjoni sesswali ma' l-imputata. Jghid li lil OMISSIS kien jixtrielha affarijiet bhal fwieha, *camera* u hwejjeg u li OMISSIS kienet qaltlu ghala ma kienetx tghix ma' ommha u qaltlu wkoll li l-imputata kienet issawwatha.

In kontro-ezami jghid li kienet OMISSIS li offrietlu s-sess u li ma' OMISSIS kien hemm l-imputata. Ghad-domanda: *"And all this happened before Anna Maria came to the picture with regards to sex?"* (*a fol.* 201), wiegeb: *"They were together all this time at the Bocci Club"* (*a fol.* 202). Ghad-domanda jekk kienitx OMISSIS li offriet is-sess, jghid li ma jiftakarx. Jikkonferma li OMISSIS qalet: *"I am the one who carries sex"* (*a fol.* 202). Jghid li OMISSIS kienet tghidlu li kienet tiehu gost taghmel is-sess mieghu u li ma kellha l-ebda problema taghmel hekk mieghu. Ghad-domanda: *"am I also correct in saying that you had a relationship with OMISSIS, a normal relationship with the difference that you paid her for sex?"* (*a fol.* 203), wiegeb fl-affermattiv.

In ri-ezami jghid li OMISSIS kienet tmur mieghu ghall-flus u mhux ghax kienet thobbu. Jghid li OMISSIS kienet qaltlu li dak kien xogholha u li kienet titlob li tithallas ghalih. Jghid li l-imputata kienet tfisser kollox ghal OMISSIS. Jghid li din kienet: *"God, father, important figure. Everything else for her"* (*a fol.* 204). Jghid li OMISSIS qaltlu hekk u li OMISSIS qaltlu wkoll li l-imputata sfurzata. Jghid li jaf x'qalet OMISSIS ghax kien prezenti meta sar il-*video conferencing* fil-kawza tieghu.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2009, xehed **Joseph Burlo'** (*a fol.* 245 *et seq.*) fejn spjega li huwa *salesman* ma' Michael Attard Limited. Jiftakar li kien gie mitkellem mill-Pulizija fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ANJ 724 tal-ghamla Peugeot 207. Jghid li huwa jaf lill-imputata peress li marret tixtri Peugeot u wara li sar il-ftehim, il-

kuntratt kellu jieqaf peress li ma kienx approvat u hu taha d-depozitu lura. Jghid li f'dan il-hin l-imputata staqsietu jekk setghux jaghmlu l-vettura fuq ohtha u qalilha li ma setgha jsir xejn. Jghid li wara xi zmien il-vettura daret fuq Daniela Mizzi, oht l-imputata. Jghid li fuq il-vettura fadal bilanc.

**Joseph Burlo'** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-25 ta' Frar 2009 (*a fol.* 261 *et seq.*) fejn ezebixxa kopja tal-kuntratt (Dok. "JB" – *a fol.* 267 *et seq.*) tal-vettura Peugeot 207 bin-numru ta' registrazzjoni ANJ 724, liema kuntratt jinsab fuq Daniela Mizzi. Ezebixxa wkoll *statement* li gie mmarkat bhala Dok. "JB 1" (*a fol.* 276). Jghid li l-pagamenti fuq il-vettura kienu *up-to-date* pero' qal li mhux f'pozizzjoni jghid min kien qed jaffettwa l-pagamenti.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li kien hemm zmien fejn il-pagamenti fuq il-vettura ma kienux saru u li kien inhareg mandat ta' qbid u li kien twaqqaf kollox peress li kien sar il-hlas relattiv.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2009, xehed ukoll **PC 826 Matthew Parnis** (*a fol.* 250) fejn pprezenta r-relazzjoni tieghu li tikkonsisti fi tmienja u erbghin (48) ritratt, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. "MP" (*a fol.* 252 *et seq.*). Ir-ritratti gew mehuda meta hu gie mitlub jaccedi fil-fond "Angie House", Triq il-Kitarristi, Qajjenza, Birzebbuga.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2009, xehdet ukoll **WPS 246 Diane Cassar** (*a fol.* 277 *et seq.*) fejn spjegat li fis-27 ta' Gunju 2008 marret flimkien mal-iSpettur Graziella Muscat, u pulizija ohra fir-residenza tal-imputata cioé "Angie House", Triq il-Kitarristi, Qajjenza, wara li saret tfittxija, fejn gew elevati numru ta' affarijiet. Ezebiet: ritratti (Dok. "DC" – *a fol.* 283), erba' *identity cards* tal-imputata (Dok. "DC 1"), *playing cards* (Dok. "DC 2"), *condoms* (Dok. "DC 3"), manetti (Dok. "DC 4"), *flick knife* (Dok. "DC 5") u dokumenti ohra (Dok. "DC 6"). Tghid li l-*condoms* u l-*flick knife* ngabru minn fejn kienet torqod OMISSIS, il-*handcufs* ingabru mill-kcina u d-dokumenti minn gol-kxaxen gewwa d-dar. Tghid li t-tfittxija saret fil-prezenza tal-imputata.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-oggetti li gew elevati gew mittiehda fl-Ufficcju tal-iSpettur Raymond Aquilina u gew murija lilu, gew maghluqa u nharget ircevuta.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2009, xehdet ukoll **WPC 238 Monica Bartolo** (*a fol.* 284 *et seq.*) fejn spjegat li kienet prezenti meta OMISSIS irrilaxxat d-dikjarazzjoni taghha fis-26 ta' Gunju 2008. Xehdet fuq dak li qalet OMISSIS fir-rigward tal-imputata.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li hija tkellmet ma' OMISSIS wara li kienet giet mittiehda mis-*social workers*.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2009, xehed **Jonathan Attard** (*a fol.* 298 *et seq.*) fejn spjega li huwa direttur ta' Michael Attard Limited. Jghid li kien involut fir-rigward ta' Dok. "JB" (*a fol.* 267 *et seq.*) fejn spjega r-raguni ghala gie mwaqqaf il-bejgh tal-vettura in kwistjoni.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li l-vettura in kwistjoni ghadha tithallas. Ikkonferma li Dok. "JB 1" (*a fol.* 276) huwa dokument tal-kumpanija.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2009, xehed ukoll **Anthony Haber** (*a fol.* 302 *et seq.*) fejn spjega li huwa skrivan ma' Michael Attard Limited. Gie mistoqsi domandi fir-rigward ta' Dok. "JB 1" (*a fol.* 276) u zied jghid li l-gimgha ta' qabel kien sar pagament iehor. Jghid li l-hlas kien isir minn Daniela Mizzi u li skond id-dokument dan kien isir bi flus kontanti.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2009, xehed ukoll **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 305 *et seq.*) fejn spjega li fuq inkarigu moghti lilu mill-Magistrat Inkwirenti huwa ezamina lil OMISSIS fis-27 ta' Gunju 2008 fejn qal li kellha diversi dbengil fuq diversi partijiet ta' gisimha. Jghid li dan kien ilu li sar xi jumejn u li kien hemm dbengil li sar qabel. Jghid li dan huwa kollu kompatibbli ma' *blunt trauma*. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MS" (*a fol.* 307 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2009, xehed **Brian Farrugia** (*a fol.* 352 *et seq.*) in rapprezentanza ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport fejn spjega li vettura bin-numru ta' registrazzjoni ANJ 724 ta' l-ghamla Fiat Punto hija registrata fuq Susan Sant u ilek hekk registrata mis-6 ta' Gunju 2008. Jghid li din il-vettura kienet registrata fuq isem l-imputata mill-11 ta' Lulju 2003 sat-2 ta' Mejju 2008. Jghid li meta l-imputata ma baqghetx sid din il-vettura, in-numru tal-vettura sar ABR 165. Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "ADT" (*a fol.* 354 *et seq.*).

**Brian Farrugia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2009 (*a fol.* 390) fejn spjega li n-numru ta' registrazzjoni ANJ 724 l-ewwel kien registrat fuq vettura Fiat Punto u dana mill-11 ta' Lulju 2003 sat-2 ta' Mejju 2008 u wara gie registrat fuq vettura Peugeot 207 fejn ghadu hekk registrat. Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "BF 1" (*a fol.* 392 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2009, xehdet ukoll **OMISSIS** (*a fol.* 359 *et seq.*) fejn spjegat kif iltaqghet mal-imputata wara l-mewt tal-kugin taghha Amadeo. Tghid li wara kienu ltaqghu wkoll go bar f'Birzebbuga fejn kien hemm certu Clayton li jigi l-kugin tal-imputata u bdew johorgu flimkien. Tghid: *"Jien ghalija la ghamlitli xejn jigifieri u bqajna l-istess u niltaqghu u hekk. Gieli hrigna flimkien jiena u Clayton u hi"* (*a fol.* 361). Tghid li wara marret toqghod id-dar ma' ommha u l-imputata kienet tmur hdejhom id-dar fejn qalet li kien hemm zmien fejn OMISSIS kienet iffissat fuq l-imputata. Tghid: *"Kienet iffissat ikrah fuqha jigifieri li riedet tohrog maghha bil-fors, fuq Anna Maria. Imbaghad Anna Maria qaltilha mhux xorta, qaltilha jiena lesta li nrabbik u kollox u tigi tghix mieghi, qaltilha l-aqwa li ma taqlaghliex inkwiet"* (*a fol.* 362). Tghid li l-imputata hadet lil OMISSIS tghix maghha u baqghet hemm madwar sena jew aktar. Tispjega x'qaltilha ohtha OMISSIS meta marret lura d-dar fejn qaltilha li l-imputata kienet issawwatha u li kienet apposta tohrogha ma' l-irgiel. Tghid li anke ommha ghamlet zmien ffissata fuq l-imputata fis-sens li kellha relazzjoni maghha. Tispjega kif darba minnhom ommha harget ghas-1.00am u qaltilha li kienet hierga ghax kellha bicca xoghol u meta giet lura u staqsietha fejn

marret, ommha qaltilha li kienet marret il-Gzira ghax kienet gennietha l-imputata. Tghid li ohtha kienet qaltilha li kienet tmur mal-irgiel u kienet tmur bil-fors ghax kienet iggieghla l-imputata. Tikkonferma li hi (OMISSIS) kienet habiba tal-imputata.

In <u>kontro-ezami</u> tikkonferma li meta ghamlet riferenza ghal dakinhar li ommha harget fis-1.00am, dan l-incident sehh meta ohtha OMISSIS kienet irritornat lura d-dar. Tghid li dakinhar kienet segwit lill-ommha u ghad-domanda: *"U qed nifhem sew ukoll li stqarret mieghek ghax inti ovvjament ghidtilha li kont segwejtha?"* (*a fol.* 368), wiegbet fl-affermattiv. Tghid li ommha qaltilha li kienet marret il-Gzira peress li qaltilha li kienet baghtiha l-imputata. Tghid li hi (OMISSIS) fl-ebda hin ma rat lill-imputata taghmel kuntatt ma' ommha.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2009, xehed **Dr. Philip Carabott** (*a fol.* 383 *et seq.*) fejn spjega li huwa konsulent fil-*genitourinary medicine*. Jghid li fl-1 ta' Lulju 2008 kien ezamina lil OMISSIS fil-GU Clinic fl-iSptar Boffa fejn irrizulta li kellha diversi problemi. Jghid: *"Il-problema principali kienet li kellha hafna ulceri fil-parti genitali taghha u din irrizulta li kienet herpes u wkoll waqt l-ezaminazzjoni rrizulta wkoll li kellha infjammazzjoni ta' l-ghonq tal-utru wkoll"* (*a fol.* 384). Jghid li OMISSIS kellha wkoll l-infezzjoni ta' *chlamydia*, *bacterial vaginosis* u *candida*. Jispjega li mentri l-*herpes* u l-*chlamydia* huma definittivament trasmessi bis-sess, it-tnejn l-ohra mhux necessarjament imma jistghu jkunu assocjati. Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "PC" (*a fol.* 386).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li OMISSIS kienet ittiehdet ghandu mill-Agenzija Appogg.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2009, xehed **Martin Bajada** (*a fol.* 387 *et seq.*) fejn ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*a fol.* 389) wara li gie nominat biex johrog il-kontenut ta' hames *mobiles* u sabiex jottjeni l-*call profiles*.

Illi, fis-seduta tas-28 ta' Ottubru 2009, xehdet **Dr. Olga Avramov** (*a fol.* 422 *et seq.*) fejn spjegat li hija ginekologa u li fis-27 ta' Gunju 2008

ezaminat lil OMISSIS fl-iSptar Mater Dei fir-rigward ta' *sexually transmitted diseases*. Tghid li mill-ezamijiet li ghamlet irrizulta li OMISSIS kienet pozittiva ghal *chlamydia*, *bacterial vaginosis*, u l-*HPV virus*.

In kontro-ezami tghid li OMISSIS kienet marret urgenti ghandha flimkien ma' persuna femminili.

Illi, fis-seduta tas-28 ta' Ottubru 2009, xehdet ukoll **Dr. Dorianne Spiteri** (*a fol.* 426 *et seq.*) fejn spjegat li fit-30 ta' Gunju 2008 kienet marret OMISSIS flimkien mas-*social workers* Daniela Sciberras u Melissa Xuereb fejn OMISSIS ilmentat minn ugiegh fil-parti taghha li kien ilu minn xi jumejn qabel. Ezebiet in-notamenti taghha li gew immarkati bhala Dok. "DS" u Dok. "DS 1" (*a fol.* 430 *et seq.*).

In kontro-ezami tghid li OMISSIS marret ghandha b'emergenza.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2012, xehed l-**eks Spettur Alexander Grech** (*a fol.* 486 *et seq.*) fejn wara li ra r-rapporti mmarkati bhala Dok. "RA 1" (*a fol.* 458 *et seq.*) qal li dawn ir-rapporti saru minn OMISSIS OMISSIS, omm OMISSIS, rigward *absentee* [fil-konfront ta' OMISSIS] u kien hemm rapport iehor rigward argument bejn l-ahwa, li jsawwtu lil xulxin ecc. Jghid li kemm OMISSIS, ohtha l-kbira u huha kienu jitilqu mid-dar u mbaghad jergghu jirritornaw lura. Jghid ukoll li kien hemm kaz fejn kienu marru flimkien ma' ommhom fuq korruzzjoni ta' minuri fejn il-minuri kienet OMISSIS, gie mressaq persuna l-Qorti u mbaghad l-omm irrinunzjat. Jghid li l-ulied gie li kellhom glied ma' ommhom u li t-trobbija taghhom ma kienitx wahda ideali. Jghid li fil-konfront tal-familja kienu gew mahtura *probation officers* u *social workers*. Ikkonferma li kien hemm izjed istanzi minn dak li qed jirriflettu l-okkorrenzi. Jghid li z-zewgt ibniet kienu ribelluzi u gie li kienu jaqblu ma' ommhom u gie li jiggieldu maghha.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2012, xehdet ukoll **WPC 123 Janet Cicala** (*a fol.* 489 *et seq.*) fejn ezebiet kopja ta' akkuza kontra Stephen Brincat, David Azzopardi u Maria Christina Osman fejn l-Ufficjal Prosekutur kien l-iSpettur Alexander Grech, liema akkuza giet

immarkata bhala Dok. "JC" (*a fol.* 491 *et seq.*). Tispjega li OMISSIS OMISSIS iddecidiet li twaqqa' l-akkuzi kollha kontra l-imputati favur il-minuri taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputata huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li biex persuna akkuzata tigi dikjarata hatja, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata. Hemm bzonn li "*dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment

konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".

Illi, fil-kaz odjern, il-Qorti tinnota li jista' liberament jinghad li l-kaz kollu tal-Prosekuzzjoni huwa bbazat fuq dak li qalet OMISSIS, u dana apparti dak li xehdu, fost l-ohrajn, ommha OMISSIS OMISSIS, ohtha OMISSIS u Milan Ruzicic. Jinghad, bhala stat ta' fatt, li l-imputata ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri.

Illi wara li l-Qorti hadet konjizzjoni tal-atti kollha processwali u tad-depozizzjonijiet kollha moghtija mix-xhieda mressqa u rat ukoll il-filmat tal-*video conferencing* meta xehdet OMISSIS, il-Qorti tikkonkludi li ma ghandu jkollu l-ebda dubju dwar il-kredibilita' ta'

dak li xehdet il-minuri OMISSIS u dwar il-veracita' ta' dak li qalet dwar l-agir tal-imputata fil-konfront taghha. Din il-konkluzjoni morali hija dovuta wkoll ghall-fatt li ma giet indikata ebda raguni konkreta ghala l-minuri jew il-familja taghha kellhom jivvintaw din l-istorja dwar l-imputata. Il-Qorti setghet *in oltre* tikkonstata li l-minuri kienet dejjem konsistenti fil-verzjoni tal-fatti rakkuntati minnha, b'mod partikolari meta xehdet quddiem il-Qorti, kemm in ezami u kif ukoll in kontro-ezami. Il-verzjoni taghha dejjem baqghet l-istess: hija kienet metikoluza fl-ghazla tal-kliem taghha u kienet konsistenti.

Illi jirrizulta li OMISSIS ma gietx moghtija trobbija ezemplari. Dan qed jinghad minhabba li omm OMISSIS ippermettiet lil bintha OMISSIS tmur toqghod ghand l-imputata ma' liema imputata omm OMISSIS kellha relazzjoni u omm OMISSIS kienet konxja minn dak li kienet taghmel l-imputata fejn jidhol prostituzzjoni. Jirrizulta li OMISSIS ghalqet hmistax (15) il-sena meta kienet qed tghix ghand l-imputata, f'liema zmien omm OMISSIS bil-kemm kienet taghmel kuntatt jew tkellem lil bintha!

Illi, stabbilit dan il-punt, il-Qorti trid issa tghaddi sabiex tara jekk tirrizultax ir-rejita' taht l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-30 ta' Novembru Settembru 2009.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 203(1)(a), 203(1)(b) u 203(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Il-Qorti tibda billi taghmel riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza tat-8 ta' Jannar 1996 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Thomas Wiffen** dwar l-element materjali ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u cioé:

> *"For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the*

*person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts".*

*"Atti di libidine debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo é diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p. 967).*

*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

Dwar ir-rekwizit tal-korruzzjoni *per se* l-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific*

*instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*

*[..] In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."*

Wara li saret din l-esposizzjoni legali dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li minkejja l-età li OMISSIS kellha meta marret tghix mal-imputata, tenut kont ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali u tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq fir-rigward tat-trobbija ta' OMISSIS, il-Qorti ghandha dubji taghha jekk mill-atti

jirrizultax li l-imputata wettqet xi *atti di libidine*. Apparti minn dan, il-Prosekuzzjoni naqset milli taghmel il-prova li l-istess minuri giet effettivament korrotta. Dak li huwa car huwa li OMISSIS marret tghix mal-imputata f'liema zmien OMISSIS bdiet toffri servizzi sesswali ghal flus ma' diversi rgiel. Skond Milan Ruzicic l-ewwel darba li OMISSIS marret il-*flat* tieghu kienet mal-imputata fejn hu kien ta Lm20.00 lill-imputata peress li, skond hu, OMISSIS kienet qaltlu li l-imputata kienet il-*boss* taghha. Jirrizulta li kien hemm diversi drabi li OMISSIS kienet tiltaqa' ma' Ruzicic ghal skopijiet sesswali u li Ruzicic ma kienx l-uniku wiehed li OMISSIS kienet taghtih servizzi sesswali. Dawn is-servizzi sesswali kienu jinghataw kemm fir-residenza fejn OMISSIS kienet tghix mal-imputata jew hdejn it-Torri ta' San Lucjan. Is-servizzi kienu jinghataw ukoll mill-imputata stess. Jirrizulta li fil-bidu OMISSIS ma kellha xejn x'tilmenta mis-servizzi li kienet taghti tant li fid-depozizzjoni taghha tghid li ghal bidu kienet tara kollox sabih u li dejjem kien ikollha l-flus fil-but. Jirrizulta li kien maz-zmien li nqala' disgwid bejn OMISSIS u l-imputata.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, ma tirrizultax il-korruzzjoni effettiva ta' OMISSIS. Il-Qorti hija tal-fehma illi OMISSIS messu kellha trobbija ahjar u d-decizjoni ta' ommha li tippermetti lil bintha tmur tghix mal-imputata kif inghad hawn fuq ghandha tkun kundannata, madanakollu dan ma jammontax ghall-eghmil zieni kif trid il-ligi u *stante* li f'dan il-kaz l-estremi legali rikjesti sabiex jissussiti r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrizultawx, l-imputata mhux ser tinstab hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha u b'hekk ser tigi liberata minnha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 jitkellem dwar l-istigazzjoni ghall-korruzzjoni ta' minuri. L-Artikolu msemmi jghid hekk:

> "Kull min, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), jeccita, jghin jew jiffacilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taht l-età tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab

hati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn …".

Hawnhekk il-ligi ma titkellimx iktar fuq l-eghmil zieni, izda fuq l-eccitament, l-ghajnuna jew il-facilitizazzjoni tal-korruzzjoni tal-minuri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omar M. Ammar Z. Jolqhom** deciza fil-15 ta' Frar 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali illiberat lill-appellant mir-reat kunsmat taht l-Artikolu 203A tal-Kodici Kriminali, izda sabitu hati tat-tentattiv ta' dan ir-reat, u dana peress illi l-appellant ipprova, bil-kliem li uza kif ukoll bit-tokkamenti, jeccita l-korruzzjoni tal-minorenni izda rnexxielu biss ibezzghu u mhux jikkorrompih.

Illi, fir-rigward tal-kaz odjern, il-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghal konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata, tinnota li ma jirrizultax li dak rikjest mill-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie pruvat u b'hekk l-imputata mhux ser tinstab hatja tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha u ghaldaqstant ser tigi liberata minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 204C(1), 204C(2)(a), 204C(2)(b), 204C(2)(c) u 204C(2)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi jibda billi jinghad illi dan Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet gie mizjud permezz ta' Att Numru XXXI tas-sena 2007 u li l-Att imsemmi jgib id-data tal-31 ta' Dicembru 2007. Artikolu 1(2) ta' dan l-Att stabblixxa li l-Att kellu jibda fis-sehh f'dik id-data li l-Ministru koncernat jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern. Dan sar permezz ta' Avviz Legali 10 tas-sena 2008 li stabbilixxa d-data tal-15 ta' Jannar 2008 meta kellhom jidhlu fis-sehh id-dispozizzjonijiet kollha ta' Att Numru XXXI tas-sena 2007.

Illi fid-depozizzjoni taghha, OMISSIS tghid: *"Meta kien ikun hemm klijent ghaliha, gie li kont nohrog 'il barra jiena. U gie li kien ikun hemm il-klijenti ghalija, kienet tohrog 'il barra hi. Jigifieri. Dak kien per ezempju. U gie li konna nkunu ma' xulxin ahna"* (*a fol.* 34). Meta l-Qorti staqsietha x'kien jigri meta kienu jkun ma' xulxin, OMISSIS

wiegbet: *"Il-klijenti kienu jiehdu pjacir li ahna nahdmu flimkien. Naghmlu s-sess flimkien jigifieri"* (*a fol.* 35).

Illi ma jirrizultax ezatt meta sehhet din il-partecipazzjoni tal-imputata f'attivitajiet sesswali ma' OMISSIS. Tenut kont tal-fatt li, kif nghad hawn fuq, dan l-Artikolu in ezami gie fis-sehh fil-15 ta' Jannar 2008 u tenut kont tal-fatt li mic-certifikat tat-twelid (Dok. "RA" – *a fol.* 48) ta' OMISSIS jirrizulta li OMISSIS ghalqet sittax (16)-il sena fil-25 ta' Marzu 2008 u li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata gew pprezentati fid-29 ta' Gunju 2008 u li fid-depozizzjoni taghha OMISSIS tixhed li hija damet madwar sens u nofs tghix mal-imputata, dan ifisser li meta dahal fis-sehh l-Artikolu tal-Ligi in ezami OMISSIS kienet ilha minn tal-anqas sena tghix mal-imputata. *Di fatti*, OMISSIS tghid li ghalqet hmistax (15)-il sena meta kienet qed tghix ghand l-imputata, u dana kien fil-25 ta' Marzu 2007. B'hekk *stante* li ma giex sodisfacentement pruvat meta ezatt sehhew l-attivitajiet sesswali bejn l-imputata u OMISSIS, il-Qorti mhjiex sodisfatta li l-eghmil ravvizat sehh wara d-dhul fis-sehh ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi u konsegwentement l-imputata mhux ser tinstab hatja tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha u b'hekk ser tigi liberata minnha.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 7(1) u 7(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni, l-imputata qed tigi akkuzata li xjentement ghexet ghal kollox jew in parti mill-qligh tal-prostituzzjoni ta' OMISSIS li kienet taht l-età.

Illi skond Artikolu 7(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta:

> "Persuna titqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, illi xjentement tghix, ghal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni, jekk jinsab illi hija tghix jew soltu tkun ma' persuna li tezerċita l-prostituzzjoni, jew illi hija ikkontrollat jew mexxiet lil dik il-persuna jew kellha hakma fuqha b'mod li juri li hija qieghda tghin, thajjar jew iggieghel il-prostituzzjoni ta' dik il-persuna ma' persuna jew ma' persuni oħra".

Illi filwaqt li l-Qorti m'ghandhiex dubju fuq il-fatt li l-imputata u OMISSIS kienu jipprostitwixxu ruhhom u li OMISSIS kienet taht l-età, il-Qorti tinnota wkoll li fid-depozizzjoni ta' OMISSIS jemergu s-segwenti:

- li l-imputata qaltilha li kellhom jaqalghu lira tajba;
- li ghas-servizzi li kienu jaghti fid-dar kien hemm rati, liema rati kienu differenti ghas-servizzi li kienu jaghtu fil-vettura;
- li l-imputata kienet tkun vjolenti fuq OMISSIS;
- li gie li hadmu flimkien u ghamlu sess flimkien u kienu jithallsu €50.00.
- li l-flus li OMISSIS kienet taqla' kienet taghtihom lill-imputata;
- li OMISSIS ma kienx ikollha flus f'idejha tant li l-imputata kienet tohdielha wkoll il-flus li kienet taghtiha ommha;
- li OMISSIS kienet tahbi xi flus ghaliha nnifisha u li kienet izzomm il-hwejjeg taghha gozz taht is-*sofa bed*;
- li l-imputata kellha Fiat Punto u wara xtrat Peugeot 207 u li l-flus li kienet taghti lill-imputata, l-imputata kienet tonfoqhom u gie li thallas il-vettura, l-mutur u hwejjeg tad-ditti.

Illi, kif nghad aktar il-fuq f'din is-sentenza, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita minn dak li nghad minn OMISSIS fid-depozizzjoni moghtija minnha u dana ghar-ragunijiet indikati aktar il-fuq.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, u mehud in konsiderazzjoni dak li jiddisponu Artikoli 7(1) u 7(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li effettivament ir-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputata ser tinstab hatja taghha.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni**
**(Artikoli 8(1) u 8(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Kull min izomm jew jezercita jew ikollu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali jehel, meta jinsab ħati, […].

Illi Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta jispecifika s-segwenti:

> "Persuna titqies li ghandha sehem fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' parti minnhom ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali, kemm-il darba hija tiehu sehem direttament jew indirettament minn xi qligh ta' dak l-ezercizzju jew tiehu parti attiva fl-ezercizzju ta' burdell, dar, hanut jew lokal iehor jew ta' parti minnhom".

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni liema konsiderazzjonijiet ghandhom japplikaw fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni. Mehud dan in konsiderazzjoni u kif ukoll dak li jiddisponu Artikoli 8(1) u 8(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta jsegwi li anke il-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputata ser tinstab hatja taghha wkoll.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni**
**(Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax indikata fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali fejn huwa ndika l-Artikoli tal-Ligi li skond hu l-imputata ghandha tinstab hatja taghhom u ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

**Is-Seba' (7) Imputazzjoni**
**(Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputata qed tigi akkuzata bil-kontravvenzjoni ta' ngurja u theddid. Filwaqt li OMISSIS tghid li kemm l-imputata u omm l-imputata kienu jhedduha, hija tispecifika li omm l-imputata kienet tghidilha: *""Jekk twaddab lit-tifla l-habs […], hi l-habs u inti ghal qabar""* (*a fol.* 37). Fir-rigward tal-imputata, OMISSIS tixhed li meta hija ma rieditx tmur ma' xi hadd, l-imputata kienet tistaqsieha ghala u kienet tghidilha: *""Ara biex ser tiekol!""* u *""X'ser tilbes""* (*a fol.* 36). Fid-depozizzjoni taghha, OMISSIS ma kienitx cara f'dan ir-rigward fir-rigward tal-imputata u minkejja li l-Qorti tista' tispekula dwar dak li setgha nghad u gara, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Ghaldaqstant, l-imputata mhux ser tinstab hatja tas-seba' (7) imputazzjoni u b'hekk ser tigi liberata minnha.

**<u>Artikoli tal-Ligi ndikati BISS fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali (*a fol.* 434)</u>**:

**<u>Artikoli 204(1)(b), 204(1)(c) u 204(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>:**

Illi dan l-Artikolu jirrigwarda, fost l-ohrajn, thajjir ghall-prostituzzjoni ta' persuni ta' taht l-età. Apparti l-fatt li gie pruvat li jirrizulta li OMISSIS ghalqet il-hmistax (15)-il sena meta kienet qed tghix ghand l-imputata u li damet tghix maghha ghal madwar sena u nofs, jirrizulta li l-imputata lil OMISSIS kienet tghidilha li xtaqet li jaqaghlu lira tajba (*a fol.* 31). Skond OMISSIS l-ewwel persuna li mieghu ghamlet is-sess kienet klijent li qabditilha l-imputata. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li jirrizulta pruvat li l-imputata hajjret lil OMISSIS ghal prostituzzjoni meta kienet ghadha taht l-età u tenut kont tal-fatt li din il-haga kienet issir bi drawwa u bi qligh u li OMISSIS kienet fdata ghal certu zmien ghand l-imputata, ghaldaqstant m'hemmx dubju li Artikoli 204(1)(c) u 204(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputata ser tinstab hatja taghhom. Ma tirrizultax htija taht Artikolu 204(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-imputata mhux ser tinstab hatja ta' dan l-Artikolu tal-Ligi.

**Artikoli 204A(1)(a), 204A(1)(b) u 204A(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:**
Illi l-Artikolu 204A imsemmi jirrigwarda istigazzjoni bi vjolenza ta' persuna taht l-età ghall-prostituzzjoni jew ghal partecipazzjoni f'wirja pornografika. Bhal fil-kaz tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata, Artikolu 204A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet gie mizjud permezz ta' Att Numru XXXI tas-sena 2007 u li permezz ta' Avviz Legali 10 tas-sena 2008 id-dispozizzjonijiet kollha tal-Att imsemmi gew fis-sehh fil-15 ta' Jannar 2008.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-Artikolu gie emendat permezz ta' Att Numru IV tas-sena 2014 liema Att, fost l-ohrajn, zied il-kliem *"theddid, sfurzar jew forza"* wara l-kelma *"vjolenza"*. Dan ifisser li fiz-zmien meta allegatament sehh dan ir-reat l-Artikolu kien jikkontempla biss vjolenza. Apparti l-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, jirrizulta mill-atti processwali, precizament mid-depozizzjoni moghtija minn OMISSIS, li l-problemi mal-imputata nqalghu wara li hija accettat volontarjament li tibda taqla' l-flus mill-prostituzzjoni. Ghalhekk isegwi li l-imputata ma tistax tinsab hatja ta' dawn l-Artikoli in ezami.

**Artikoli 204B(1) u 204B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:**
Illi Artikolu 204B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda thajjir ta' persuni ta' taht l-età ghall-prostituzzjoni f'wirja pornografika.

Illi bhal fil-kaz ta' Artikolu 204A u 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, anke Artikolu 204B gie mizjud permezz ta' Att Numru XXXI tas-sena 2007 u gie fis-sehh fil-15 ta' Jannar 2008. Ghall-istess konsiderazzjonijiet elenkati taht it-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputata fir-rigward tal-Artikoli in ezami.

**Artikolu 208B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:**
Illi dan l-Artikolu jitratta l-kwistjoni dwar poteri addizzjonali tal-Qorti fl-eventwalita' li tinstab htija. Filwaqt li l-Qorti tinnota li anke dan l-Artikolu gie mizjud permezz ta' Att XXXI tas-sena 2007, u gie emendat diversi drabi, il-Qorti tinnota wkoll li dan l-Artikolu

m'ghandux applikazzjoni ghal kaz in ezami u ghaldaqstant mhux ser jigi applikat.

**<u>Artikolu 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>:**
Illi dan l-Artikolu jirrigwarda vjolenza kontra l-privat. Jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-imputata kienet vjolenti fuq OMISSIS. Dan tghidu OMISSIS stess u stqarrietu wkoll ma' ohtha OMISSIS. OMISSIS ddeskriviet kif l-imputata tatha daqqiet go xuftejha bil-ponn u qasmitilha xuftejha u li anke fargietha. OMISSIS tixhed li l-imputata gie li tatha daqqiet bl-ispalliera, bic-cintorin u bil-ponn.

Illi jirrizulta li meta dan il-kaz beda jigi nvestigat, OMISSIS instabet wahidha fid-dar. Apparti minn dan, fir-rapport (Dok. "MS" – *a fol.* 307 *et seq.*) redatt minn Dr. Mario Scerri u fid-depozizzjoni tieghu, Dr. Scerri jindika x'sab meta ezamina lil OMISSIS. Tenut kont ta' dan, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li dan l-Artikolu in ezami gie pruvat u b'hekk l-imputata ser tinstab hatja tieghu.

**<u>Artikoli 252(1) u 252(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>:**
Illi dan l-Artikolu jirrigwarda ngurji fejn biex persuna tigi misjuba hatja tieghu jrid jigi pruvat li kellha l-intenzjoni li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' persuna ohra. Dan minn imkien ma jirrizulta u b'hekk l-imputata mhux ser tinstab hatja ta' dan l-Artikolu.

**<u>Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta</u>:**
Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnha fir-rigward tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputata, liema konsiderazzjonijiet ghandhom jigu applikati fir-rigward tal-Artikolu in ezami. Minn dan jirrizulta li l-imputata ghandha tigi misjuba hatja wkoll ta' dan l-Artikolu.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad fuq, jirrizulta li r-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputata gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputata ser tinstab hatja taghhom. L-imputata ser tinstab hatja wkoll tas-segwenti Artikoli li

gew msemmija BISS fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali: Artikoli 204(1)(c), 204(1)(d) u 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata ghall-Artikoli tal-Ligi li hija ser tinstab hatja taghhom, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni is-segwenti:

- in-natura ta' dawn l-Artikoli,

- il-fedina penali (Dok. "RA 2" – *a fol.* 8) tal-imputata, liema fedina penali hija wahda pratikament nadifa (fejn l-imputata giet ikkundannata biss ghal sewqan minghajr licenzja),

- dak li l-imputata ghamlet fir-rigward ta' OMISSIS,

- il-fatt li l-imputata kellha tkun ta' gwida tajba ghal OMISSIS u kif ukoll il-fatt li hija spiccat sfruttatha.

Minkejja li meta OMISSIS regghet giet mitluba taghti d-depozizzjoni taghha f'dan il-kaz hija qalet li kienet lestha tahfer lill-imputata u qalet li dak li gara gara u li riedet terga' issir habiba tal-imputata, pero' l-Qorti tinnota li filwaqt li dan ser jigi kkunsidrat fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti tinnota wkoll li dak li ghamlet l-imputata ma kienx ta darba tant li ser jigi applikat Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti tqies li l-imputata ghandha tigi kundannata ghal piena ta' prigunerija effettiva. Ovvjament, il-Qorti ser tara li fil-kalibrazzjoni tal-piena ser tiehu in konsiderazzjoni Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-fatt li OMISSIS iddikjarat li kienet lestha tahfer lill-imputata. Il-Qorti ser tiehu hsieb li tigi applikata l-piena vigenti meta sehhew ir-reati li gew pruvati u dana *stante* li certi pieni gew emendati minn dakinhar sallum.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li:

(a) tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata;

(b) ma ssibx lill-imputata hatja tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), u tas-seba' (7) imputazzjoni addebitati fil-konfront taghha u b'hekk tilliberaha minnhom,

(c) ma ssibx lill-imputata hatja ta' Artikoli 204(1)(b), 204A(1)(a), 204A(1)(b), 204A(2)(b), 204B(1), 204B(2)(b), 208B, 252(1) u 252(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Artikoli gew indikati BISS fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali u b'hekk tilliberaha minnhom ukoll;

u

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 30 ta' Novembru 2009 u senjatament Artikoli 18 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7(1), 7(3), 8(1) u 8(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata Anna Maria Jimenez hatja tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni addebitati fil-konfront taghha **U** ssibha hatja **WKOLL** ta' Artikoli 204(1)(c), 204(1)(d) u 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta[2] u tikkundannaha ghal perjodu ta' erba' (4) snin prigunerija.

Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-proprjeta', mobbli jew immobbli, ta' l-imputata li taghhom kienet proprjetarja qabel id-29 ta' Gunju 2008 u dana skond it-talba tal-Prosekuzzjoni fil-prezentata b'arrest tal-imputata fil-gurnata msemmija[3].

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputata sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum thallas is-somma ta' tlitt'elef, sitt mija u tlieta u sebghin

[2] Artikoli 204(1)(c), 204(1)(d) u 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta gew indikati BISS fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali.

[3] Fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2009 il-Qorti diversament preseduta rrilaxxat il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AJN 724 (*a fol.* 296).

Euro u erbgha u erbghin centezmu (€3673.44) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz[4].

Il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-provvedimenti ta' Artikoli 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana in vista tad-depozizzjoni moghtija minn OMISSIS fis-seduta tat-8 ta' April 2014[5] u ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni f'dan is-sens.

Il-Qorti tordna d-divjett tal-pubblikazzjoni, fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, ta' isem il-minuri OMISSIS u l-familja taghha.

Finalment, il-Qorti, *ai termini* ta' Artikolu 6(2) ta' Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li, meta ssir definittiva, kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex isem l-imputata jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**

[4] Dr. Marisa Cassar (Dok. "C" – *a fol.* 89 *tergo*): €1025.25; PC 826 Matthew Parnis (Dok. "MP" – *a fol.* 255): €187.32; Dr. Mario Scerri (Dok. "MS" – *a fol.* 343): €314.36; Dr. Martin Bajada (Dok. "MB" – *a fol.* 4 *tergo* tar-rapport li jinsab *a fol.* 389): €619.12; Dr. Anthony Cutajar (Dok. "AC" – *a fol.* 21 tar-rapport li jinsab go *arch lever file*): €1527.39.

[5] *A fol.* 546 *et seq.*.